"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 15/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 14/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. C. Muscat ippropona u K.Barun issekonda mozzjoni biex il-minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/11 -* Tressqet talba fuq il-mejda minn Fr. Nicholas Pace, Kappillan ta' Birżebbuġa, sabiex bejn id-19 u 23 ta' Novembru mis-6.30pm sat-8.30pm jiġi wżat Ġnien il-Kunsill Lokali għall-Ġimgħa ta' Evanġelizzazzjoni li ser tittella' mill-parroċċa. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

*02/11 -* Il-Kunsill Lokali ġie mgħarraf min-naħa tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali lid-Dipartiment tal-Proprjeta' tal-Gvern ħareġ permess għall-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f'Wesgħa Carmelo Caruana. Il-Kamra għalkemm ma sabitx oġġezzjoni għall-permess talbet sabiex tinkiteb ittra lid-Dipartiment ikkonċernat għal sorveljanza tar-regoli tal-permess sabiex ma jinħarġux imwejjed aktar milli suppost. Is-Sindku qajjem il-punt li fl-istess triq il-Kunsill Lokali kien għamel pont, li kellna nneħħuh, sabiex jintuża min-nies peress li minn hemm jgħaddi ħafna ilma u għaldaqstant fid-dawl ta' dan il-permess tal-imwejjed għandna nerġgħu niftħu l-applikazzjoni għall-pont.

*03/11 -* Ġiet ippreżentata fuq il-mejda ittra min-Nightingale Solutions Ltd., kumpanija li joffru servizzi tas-saħħa l-aktar għall-anzjani. Din il-kumpanija qed toffri lill-Kunsill Lokali li jkollu s-servizz ta' *nurse* ġewwa l-lokalita'/Kunsill Lokali għal prezz ta' €12/hr fost servizzi oħra. Il-Kamra

unanimament qablet mal-prinċipju li l-Kunsill għandu jaħdem sabiex joffri servizz ta' saħħa lill-anzjani tal-lokal. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu jibda billi minn Jannar 2013 jibda joffri s-servizz sagħtejn kull ħmistax sabiex wara sitt xhur jevalwa s-sitwazzjoni.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti 'Jum Birżebbuġa'. B.Pace li hi c-*Chairperson* tal-attivita' spjegat kif bosta residenti lmentaw li d-data li fih niċċelebraw 'Jum Birżebbuġa' l-ewwel Ħadd ta' Settembru qed taħbat ma' ħafna attivitajiet oħra speċjalment il-festa ta' Santa Katarina. Il-Kamra wara diskussjoni qablet li 'Jum Birżebbuġa' għandu jsir f'xahar li fih ma tantx ikunu għaddejjin attivitajiet u għaldaqstant ġie deċiż li d-data li fih jiġi ċċelebrat 'Jum Birżebbuġa' jkun it-tielet Sibt ta' Ottubru. Ukoll tqajjem il-punt li l-attivita' għandha tinbidel fl-istil tagħha. Issir serata fil-magħluq u aktar klassika fejn niffukaw aktar fuq il-kultura. Kulħadd qabel.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Il-bord magħmul minn S.Zammit, C.Cachia u C.Muscat fuq miżuri tat-traffiku ressaq żewġ proposti ta' *traffic calming measures* quddiem il-Kamra.

- Triq San Ġwann :
  - Hemm bżonn jiġu mmarkati d-*double yellow lines* tal-kantunieri għaliex hemm partijiet neqsin.
  - Nitolbu lil Transport Malta sabiex issir *mini-roundabout* fil-pjazza. Is-Sindku rrimarka li diġa hemm pjanti ta' dan lesti min-naħa tal-Kunsill u ser jiġu mgħoddija lill-bord għad-diskussjoni.
- Triq Birżebbuġa (direzzjoni lejn San Ġorġ) :
  - Jinżebħu *slow marks* matul in-niżla.
  - Jitwaħħlu *roundabout warnings.*
  - Nitolbu parir min-naħa ta' Transport Malta sabiex il-*give-way* f'tarf it-triq issir *stop sign* kif ukoll tiġi ntrodotta *speed cushion* in-naħa t'isfel tat-triq.

Kulħadd qabel.

Għal-laqgħa li jmiss il-bord ser jiddiskuti Triq Żarenu Dalli u l-possibbilita' li din tingħalaq waqt il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal tal-iskola.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €65379.51 titħallas skont Skeda Nru. 11/12.

***AĠENDA -6***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- beda x-xogħol fir-rigward tal-*bye-law* li tirregola l-attivitajiet fil-Bajja s-Sabiħa.

- fl-20 ta' Novembru 2012 ser tinstema PA 07849/06 – Tisbiħ tal-parkeġġ ta' Wied il-Buni.

- daħal appell fuq l-Offerta Pubblika Nru. 06/12 – Provista u Installazzjoni ta' bandli, *fence* u *soft flooring* fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. Anton Tabone u Ġnien Mons. Gużeppi Minuti.

- l-amministrazzjoni qed taħdem sabiex tinħareġ sejħa pubblika għal :

  a) Ġbir ta' Skart Goff
  b) Manutenzjoni u Installazzjoni ta' lampi u dawl ornamentali
  c) Manutenzjoni u Installazzjoni ta' lampi tad-dawl tat-toroq

- ġie approvat PA 03861/10 – Tibdil fil-grawnd tal-futbol fil-Bajja s-Sabiħa.

- il-Kunsill Lokali sab *sponsor* sabiex jiffinanzja l-*cat feeding station*.

- mill-1 ta' Diċembru 2012, Ms. Eleanor Manicaro ser tibda taħdem *full-time on reduced hours*.

2) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra li ltaqa' mal-Kumitat Għal Qajjenza Aħjar fuq talba tas-Sur Victor Bugeja fejn ġew imsemmija punti li ġew diskussi diversi drabi mal-Kunsill Lokali mill-Kumitat. Is-Sindku saħaq li l-Kunsill Lokali dejjem ħadem għall-Qajjenza daqs kemm ħadem għal bqija tal-lokal u meta ssir xi ħaġa fil-Qajjenza ssir mill-Kunsill Lokali kollu u mhux minn individwi. Ukoll il-Kumitat talab laqgħa mal-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandu jintlaħaq ftehim għal data tal-laqgħa u l-Kumitat għandu jibgħat aġenda bil-punti ta' diskussjoni lill-Kunsill Lokali ġimgħa qabel id-data maqbula. Il-laqgħa għandha ssir billi jiltaqgħu tlett delegati minn kull parti.

3) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- fakkar lill-Kunsillieri li għandu bżonn l-artikli għal *magazine* sal-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

- hemm bżonn ta' rampa għal-latrini ta' San Ġorġ sabiex dawn ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

- il-Kunsill Lokali għandu jagħmel rapport lill-MEPA fir-rigward ta' ħsara ambjentali li qed issir Borg in-Nadur minħabba strutturi llegali li hemm.

- hemm bżonn li jitwaħħlu żewġ *information boards*, waħda l-Bajja s-Sabiħa u oħra ħdejn Għar Dalam sabiex inħeġġu t-turist iżur diversi attrazzjonijiet li għandna fil-lokal. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li l-Kunsill kien applika għal *boards* simili żmien ilu u għandha tara x'inhu l-proċess sabiex jitwaħħlu *boards* simili.

4) Il-Kunsillieri, is-Sur J.Baldacchino :

- talab sabiex jiġi diskuss kwestjonarju li l-Kunsill ser jippreżenta f'laqgħa dwar is-servizz tat-trasport pubbliku li qed nirċievu f'Birżebbuġa. Il-Kamra ddiskutiet punt, punt il-kwestjonarju u fih ressqet l-ilmenti li jirċievi l-Kunsill Lokali mir-residenti kif ukoll għamlet diversi suġġerimenti sabiex is-servizz jitjieb.

- hemm bżonn li titwaħħal *warning sign* fi Triq San Ġorġ / Triq Birżebbuġa li tavża lil kull min jgħaddi minn dawn it-toroq hemm il-possibbilita' li jitla' l-ilma baħar. Kulħadd qabel.

- hemm bżonn li ssir pressjoni ma' Transport Malta sabiex, kif kien imwiegħed, Triq l-Għansar titlesta sal-2012.

- ukoll hemm bżonn li ssir Konferenza Stampa bħala Kunsill Lokali fir-rigward tal-prominad tal-Qajjenza li kienet imwegħda mill-Gvern Ċentrali darbtejn fid-diskors tal-*budget*. S.Zammit rrimarka li l-ewwel għandu jintalab appuntament mal-Ministru kkonċernat sabiex naraw x'sar minn dan il-proġett, pero' s-Sindku saħaq li għandha ssir Konferenza Stampa mill-aktar fis u l-bqija tal-Kamra qablet ma' dan.

5) Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- irrimarka li għandna nagħmlu iżjed pressjoni fuq il-kuntrattur tal-latrini sabiex dawn jinżammu *up to standard*.

- ġibed l-attenzjoni lit-tabelli imwaħħla mill-kuntrattur imqabbad minn Transport Malta fi Triq il-Kartaġiniżi qed ikunu ta' periklu għas-sewwieqa.

- ressaq talba ta' sid ta' ħanut fil-Bajja s-Sabiħa sabiex tiċċaqlaq l-entratura għall-bandli li hemm faċċata taz-*zebra crossing* ftit metri lejn in-naħa ta' Triq San Edwardu. Hawn S.Zammit iddikjara konflitt ta' interess u għaldaqstant mhux ser jieħu sehem fid-diskussjoni. Wara li l-Kamra ddiskutiet din it-talba, ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex l-entratura tersaq bi ftit metri fid-direzzjoni ta' Triq San Edwardu a spejjeż ta' sid il-ħanut. K.Barun ma qabilx ma' din id-deċiżjoni.

6) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- ippreżenta fuq il-mejda tal-Kamra *draft* tal-pjanta għal *Embellishment* ta' Misraħ is-Summit, inkluż iċ-ċaqliq tal-*parking spaces* tal-ARRIVA. Il-Kamra ddiskutiet dan id-*draft* u talbet li l-Perit għandu jħejji pjanta oħra aktar dettaljata fejn jingħata aktar dettal għal :

  a) *Railing* li jagħti għal prominad.
  b) Il-Kamra tal-ARRIVA.
  c) *Landscaping / embellishment*.
  d) Rampa għall-aċċess ta' vetturi fuq il-prominad.
  e) Aċċessibbilita' tal-bankini.

  Kulħadd qabel.

- issuġġerixxa li qabel jitkompla l-proġett tal-PPP issir pjanta ddettaljata tal-bankini li ser jinbidlu.

- talab informazzjoni fuq in-nominati għal 'L-Anzjan tas-Sena' u s-sistema kif dan jintgħażel. J.Baldacchino, ic-*Chairman* tal-attivita', informa l-Kamra li sa issa kien hemm persuna waħda biss innominata u għaldaqstant jekk tibqa' waħedha tintgħażel hi awtomatikament.

- Transport Malta approvaw talba tal-Kunsill Lokali li Triq ir-Raddiena ssir *one-way* (direzzjoni lejn Triq iż-Żurrieq) pero' minħabba li Triq Tal-Ġebel hi wiesa' ħafna din għandha tibqa' *two-way*. Din is-sistema għandha tiġi implimentata fil-ġimgħat li ġejjin.

- talab *update* fuq is-sitwazzjoni tal-*patching* f'Wied il-Qoton u ġibed l-attenzjoni li l-*patching* ta' Triq il-Bżulija sar b'tarmak ta' kwalita' inferjuri. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li l-*patching* ta' Wied il-Qoton hu ordnat filwaqt li l-Kuntrattur fil-preżent waqaf jagħmel il-*patching* minħabba li t-taħlita tat-tarmak li hu *available* bħalissa hi ta' kwalita' inferjuri u ser jistenna taħlita ġdida qabel ikompli x-xogħol ordnat.

- informa l-Kamra li l-Federazzjoni tal-Għaqdiet Birżebbuġa għamel applikazzjoni għal fondi sabiex tikkommissjona studju dwar il-parteċipazzjoni tar-residenti fl-għaqdiet. Saħaq li l-Kunsill Lokali għandu jkompli jagħti l-appoġġ tiegħu lill-Federazzjoni. Kulħadd qabel.

- aġġorna l-Kamra fuq it-tiżjin tal-Milied kif ukoll talab sabiex wara li jgħaddi l-Milied ix-xogħol/oġġetti kollha relatati mad-dawl jiġu storjati fil-kmamar li għandu l-Kunsill li jinsabu fl-*area* Tal-Papa. Ukoll hemm bżonn li jsir inventarju dettaljat ta' dawn l-affarijiet. Kulħadd qabel.

- fakkar lill-Kamra fir-rigward tal-bankina fi Triq iż-Żurrieq li kienet ġiet diskussa f'Seduta Nru. 07/12 li saret nhar il-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2012.

7) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- talab rapport fiex wasal il-permess sabiex titlesta Triq il-Girgħien. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li għadd hemm il-permess ta' Transport Malta miftuħ. Wara l-għeluq tal-permess l-amministrazzjoni tkun tista' tagħmel pressjoni sabiex il-permessi meħtieġa jinħarġu kemm jista' jkun malajr.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fid-9.15pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2012 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |